MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2011

Numru. 784/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Agius)**

**vs**

**Anton Zammit**

Kumpilazzjoni Nru: 784/2010

Illum, 27 ta’ Gunju 2011

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Anton Zammit, iben Carmelo u Josephine nee’ Zammit, imwieled Pieta’, fid-09 ta’ Mejju, 1984 u residenti fil-fond Farrugia Flats, Flat 2, Triq il-Kappillan, Hamrun u detentur tal-karta ta’ l-identita bin-numru 235584(M).

Akkuzat talli fid-29 ta’ Marzu, 2010 ghal habta ta’ 17:10hrs fi Triq Qrejten, Hamrun, b’nuqqas ta’ hsieb u bi traksuragni jew b’nuqqas ta’ hila jew arti jew professjoni jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti, waqt li kien qed issuq il-vettura tal-marka Suzuki Samurai bin-numru tar-registrazzjoni CBA 698, ikkaguna il-mewt ta’ Emanuel Formosa mill-Hamrun, li dak il-hin kien qed jaqsam l-istess triq.

F’kaz ta’ htija, il-prosekuzzjoni talbet li l-istess Anton Zammit jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tas-sewqan (Art 15H tal-Kap 65).

Rat in-nota ta’l-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali kif mahsub f’l-artikoli:

a) 225 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

b) 15(H) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta;

c) 17, 23, 30, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jikompla bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi dan il-kaz jitratta incident li sehh nhar id-29 ta’ Marzu 2010 fi Triq Qrejten Hamrun meta l-imsemmi Emanuel Formosa qasam it-triq imsemmija u safa’ mtajjar minn vettura misjuqa mill-imputat.

Illi xhieda dwar dak li seta’ gara u dwar id-dinamika ta’ l-incident ftit li xejn hemm. L-unika xhud okkulari prodott quddiem din il-Qorti kien certu Alfred Zammit (mhux imparentat ma’l-imputat) li kien qed isuq wara l-imputat. Dan jirrakkonta li kien qed isuq fi Triq Qrejten u meta wasal f’l-inkrocju li jaghti ghal Triq Anglu Mallia kien hemm diversi nies fit-triq jaqsmu inkluz tfal; huwa hares lejn is-

side street u ra li ma kien gej hadd; hekk kif rega dawwar harstu ‘l quddiem fit-triq principali ra ragel ma’l-art u l-imputat quddiemu qed isuq fi triqtu. Ix-xhud ikompli jirrakkonta li rrealizza li l-imputat ma kienx induna b’dak li gara ghalhekk paqpaqlu biex jieqaf; dan hekk ghamel u taw l-ewwel ghajnuna lill-anzjan.

Illi l-imputat ma xehedx pero kemm minn dak li qal lill-pulizija dak in-nhar ta’ l-incident kif ukoll minn dak li qal f’l-istqarrija rilaxxjata fis-26 ta’ April 2010 jirrakkonta li huwa kien qed isuq fi Triq Qrejten b’velocita moderata; meta kien fil-kisra tat-triq vicin Triq Anglu Mallia huwa sema hoss pero haseb li kien laqat il-bankina. Kien biss meta waqqfu siehbu li kien qed isuq warajh li nduna b’dak li gara.

Illi la l-imputat u lanqas ix-xhud Alfred Zannit ma raw lil Formosa qed jipprova jaqsam.

Illi f’l-incident il-vittma Emanuel Formosa soffra frattura f’saqajh it-tnejn; hlif ghal xi ftit minuti aktar tard dak in-nhar ta’ l-incident huwa qatt ma kien fil-periklu tal-mewt; almenu l-pulizija qatt ma nghataw informazzjoni f’dan is-sens mill-isptar. Jirrizzulta ukoll li, minhabba kundizzjonijiet medici pre-ezistenti u l-kumplikazzjonijiet u perikoli li dawn setghu jigiebu maghhom, wara konsultazzjoni mat-tobba koncernati, il-familjarji ta’ Formosa iddecidew li ma jsirlux intervent kirurgiku biex tigi rimedjata l-frattura f’saqajh. Sahhet Emanuel Formosa baqghet tiddeterjora sa kemm huwa miet fil-25 ta’ April 2010. Mill-awtopsija li saret jirrizulta li Formosa miet minhabba bronchopneumonia.

Illi fil-perjodu li Emanuel Formosa kien rikoverat l-isptar is-surgent tal-pulizija li kien qed jinvestiga dan il-kaz mar diversi drabi l-isptar  biex jiehu l-verzjoni tieghu pero dejjem kien isiebu rieqed; f’dik l-unika okkazzjoni li sabu mqajjem Formosa ma kienx koerenti f’dak li kien qed jghid u ma seta’ jiftakar xejn dwar l-incident.

Illi l-pulizija ezaminaw il-vettura ta’ l-imputat u man-naha ta’ quddiem tal-vettura ma gew riskontrati l-ebda hsarat.

Illi tat id-depozizzjoni taghha ukoll quddiem din il-Qorti Antoinette Formosa, bint il-vittma. Hija tghid li ghalkemm dwar l-incident ma taf xejn ghaliex ma kenitx hemm, ftit gimghat wara l-incident rat il-vettura ta'l-imputat; hi u huha hadu ritratti ta' din il-vettura u tal-post fejn sehh l-incident.

Ikkunsidrat

Illi ai termini tan-nota  tar-rinviju ghall-gudizju ta'l-Avukat Generali l-imputatazzjoni migjuba kontra l-imputat hija lil huwa, b'nuqqas ta' hsieb u bi traksuragni jew b'nuqqas ta' hila  jew arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti kkaguna il-mewt ta' Emanuel Formosa.

Illi kif diga ntqal provi dwar kif ezattament sehh l-incident u l-movimenti ta' Emanuel Formosa immedjatament qabel l-incident m'hemmx. Lanqas ma jirrizulta li l-imputat kien qed isuq b'velocita aktar milli suppost jew li huwa naqas li josserva xi regolamenti tat-traffiku.

Illi mill-ftit provi li ngiebu dak lil jista' jigi konstata huwa li l-imputat intlaqat minn-naha ta' wara tal-vettura misjuqa mill-imputat. Dan, marbut mal-fatt li m'hemm l-ebda accenn li l-imputat kien qed isuq b'xi velocita partikolari, jindika li Formosa beda jaqsam it-triq wara li l-parti ta' quddiem tal-vettura kienet diga qabzietu. Fil-fatt minn dak il-ftit li jirrizulta b'certezza, il-Qorti hija tal-fehma li kien il-vittma li laqghat il-vettura aktar milli l-oppost.

Illi tenut kont ta' dan u tenut kont tal-fatt li m'hemm l-ebda hjil li l-imputat naqas milli josserva r-regoli tat-traffiku jew li huwa kien negligenti l-Qorti hija tal-fehma li l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat ma gietx sodisfacjentement pruvata.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti ma ssibx lill-imputat hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tilliberah minnha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------